MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 223/2013

Kawza fil-lista: 33

**B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attur tad-29 ta' April 2013 li permezz tieghu talab li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat li l-konvenuta ma pprezentatx risposta, izda dehret fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2013, tat-ix-xiehda taghha u ddikjarat li ma topponix ghat-talbiet tal-attur.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fl-1 ta’ Jannar 1983, u minn dan iz-zwieg kellhom tifel illum maggorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor John Gambin fit-8 ta’ Mejju 2007;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------